**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta , 24 ta' Settembru, 2019**

**Rikors nru: 272/19 AGV**

**AB ( 148472 M )**
**Vs**
**CD (62469 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrenti , AB , nhar it-12 ta' Gunju 2019 , li permezz tieghu ikkonfermat bil-gurament :

Illi hija zzewget lill-intimat fid-dsatax (19) ta' Ottubru , elf disa' mija w wiehed u disghin (1991) , liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta – kopja tac-certifikat anness , bhala Dok A;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom , u effetwaw is-separazzjoni personali , permezz kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, datat , l-ewwel (1) ta' Marzu , elfejn u tmintax (2018) , in atti tan-

Nutar , Dott. Sharon Faith Farrugia , liema kuntratt , qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dok B;

Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg , kellhom tlett ulied , E u F , li huma maggorenni , u G ta' erbatax-il sena ;

Illi r-rikorrenti , taf li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet , b'dan li llum il-gurnata , il-partijiet jghixu hajja kompletament distinta minn xulxin;

Illi ma jezistu l-ebda pendenzi ta' manteniment , bejn il-partijiet;

Illi ghaddew oltre erba' snin , mid-data tas-separazzjoni bejn il-partijiet , b'dan li kien hemm anke procedure ta' separazzjoni pendent bejn il-partijiet precedentement ghal iffirmar ta' kuntratt ta' separazzjoni , referenza Rik.Gur. 203/2013 , AD vs CD , u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi jikkonkoru l-kriterji kollha rikjesti mil-ligi , ghall-hall taz-zwieg , u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant, l-esponenti qieghda umilment titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha :

1. Tiddikjara li z-zwieg taghha ma' CD, huwa mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku , ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-partijiet ;

**DECIDE**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**